# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu,2002

**Numru 5**

**Avviz. numru 1193/99mm**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance P.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Salvatore Grech abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Salvatore Grech**

**vs**

**Joseph Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fid-9 t'Awissu 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta' skond il-ligi, jhallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u tmienja u tletin lira Maltin u erbatax-il centezmu

(Lm938.14c), in kwantu ghall-ammont ta' seba' mija u tlieta u sittin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm763.14c), jew somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha Salvatore Grech, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm175.00) lill-attur Salvatore Grech ammont rapprezentanti *excess payment,* li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Marzu,1999 ghall-habta ta' 6.15p.m. gewwa Qasam Hal Tmiem, Zejtun, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DOR 479 propjeta' ta' l-attur Salvatore Grech u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni IAD 241, liema ncident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra gudizzjarja tat-2 ta' Gunju 1999, u ta' l-ittra gudizzjarja li ntbaghtet kontestwalment ma' l-avviz lis-socjeta' Gasan *Insurance Agency Limited* bhala agenti tas-socjeta' estera *General Accident Fire and Life Assurance Corporation p.l.c.* u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra gudizzjarja tat-2 ta' Gunju 1999, sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi ma huwiex minnu li kien l-eccipjenti li kien kagun tal-incident tat-traffiku imsemmi anzi kien proprju l-imsemmi Salvatore

Grech li kkaguna dan u ghalhekk huwa kompletament responsabbli ghalih.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara fis-6 ta' Marzu, 1999 ghal habta tas-sitta u kwart ta' filghaxija fi Triq Qasam Hal Tmiem, iz-Zejtun bejn is-*Citroen DOR 479* misjuqa minn Dorienne Grech u *Fiesta IAD 241* misjuq mill-konvenut Joseph Zammit.

Dorienne Grech xehdet illi hija toqghod vicin hafna fejn gara dan l-incident. Fil-fatt kienet ghadha kif qalghet minn hdejn id-dar. Meta waslet vicin il-kantuniera, tara l-karozza tal-konvenut gejja fuqha bi speed qawwi. Ippruvat tersaq kemm jista jkun lejn l-ghelieqi li hemm fuq ix-xellug taghha, pero' peress illi kienet diga fuq ix-xellug, ma kellhiex spazju bizzejjed biex timmanuvra, hlief li twaqqaf il-karozza u tistenna l-impatt. Dan kien ezattament li gara. Il-konvenut ghafas il-brake, baqa jiskidja u jitkaxkar ghal fuqha biex gew ikkawzati hsarat fil-karozza misjuqa minn Grech. Dawn il-hsarat huma ahjar deskritti fis-*survey report* li jidher a fol 13.

Xehed ukoll is-*surveyor* fejn qal li l-karozza misjuqa minn Grech kienet gdida u l-parts li kienu danneggjati ma setghux jitrangaw

u kellhom bilfors jitbidlu. Xehed ukoll ir-rapprezentant ta' Mizzi Automobiles illi sewwa l-karozza ta' Grech u spjega fid-dettall it-tiswija kif ukoll il-procedura wzata meta si tratta ta' hsarat li ser jaghmlu tajjeb taghhom il-kumpanija assikurattrici.

Il-konvenut minn naha l-ohra a fol 36 kull ma jghid dwar dan l-incident huwa, li kien qed isuq fuq in-nahha tax-xellug tat-triq, gie biex idur il-kantuniera u kif dar, sab il-karozza l-ohra Citroen ma' wiccu, pprova jevita dan l-incident imma ma setghax. Il-parti tat-triq fejn gara l-incident hija fil-kampanja u ma hemmx tabelli.

Ikkunsidrat:

Illi minn dawn il-versjonijiet il-Qorti ssib li l-aktar wahda veritjera hija dik moghtija minn Dorienne Grech, aktar u aktar meta l-sketch li hemm esebit f'dawn l-atti jikkorrobora din il-versjoni. Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar il-livell gholi ta' kwalita' ta' l-sketch esebit f'dawn l-atti, ppreparat mis-Surgent Alexander Schembri. Dan l-sketch huwa preparat bil-computer, sabih ghall-ghajn, car hafna u fih id-dettalji kollha li wiehed jippretendi biex ikunu ta' ghajnuna ghad-determinazzjoni ta' responsabbilta'.

F'dan l-sketch il-karozza tal-konvenut tidher illi ma dahritx il-kantuniera, izda baqghet sejra dritt ghal fuq il-karozza misjuqa minn Grech. Il-probabilta' hija li l-konvenut kien qieghed isuq b'velocita' li ma kienetx prudenti ghal dawk l-inhawi. Meta wasal ghall-kantuniera ma setghax jikkontrolla l-karozza sew, ghafas il-brake, izda dina baqghet titkaxkar dritt ghal fuq il-karozza ta' Grech. Grech minn naha l-ohra kienet qieghdha ssuq fuq in-

naha taghha tat-triq, kwazi razenti mat-tarf, b'velocita' li hija adekwata ghal dawk l-inhawi fejn setghet tikkontrolla l-karozza taghha. Tant  hu hekk illi kif indunat li l-konvenut kien gej ghal fuqha, hija waqfet il-karozza halli ma tkomplix izzid il-hsarat.

Il-konvenut minn naha l-ohra jidher li kien traskurat f'dan is-sewqan, ma kienx prudenti fil-velocita' li kien qed isuq, fejn ma setghax jikkontrolla l-karozza u kkawza dawn il-hsarat illi taghhom ghandu jkun responsabbli.

Fil-kors ta' din il-kawza jidher li qamet kwistjoni dwar il-parts illi gew uzati biex jitbidlu dawk illi gew danneggjati. Fuq dan il-punt xehdu kemm is-surveyor u kif ukoll il-foreman ta' Mizzi Garage illi sewwa l-hsarat. Il-foreman irrimarka illi l-karozza kienet gdida u bir-ragun sidha kien qed tippretendi li jkollu parts godda originali u mhux parts imsewwija. Minkejja illi forsi certa parts ma jidhrux bi hsarat estensivi, b'daqshekk ma jfissirx illi jistghu jitrangaw b'mod tradizzjonali ta' tellar. Kif spjega s-surveyor, taht il-bonnet  ikun hemm hafna frames b'tali mod illi jaghmluha difficli ghat-tellar biex jasal ghal wicc li jkun danneggjat, f'liema kaz allura jkun jaqbel illi dik il-part tinbidel milli tissewwa.

Il-Qorti taqbel ma' l-argumenti migjuba mis-surveyor u jidhrilha illi stante li l-karozza kienet wahda gdida, allura sidha kellu dritt ikun riempiazzat b'parts originali u mhux parts imsewwija. Mill-bqija l-Qorti ma ssib xejn x'tikkummenta dwar il-metodu ta' tiswija illi gie wzat f'dan il-kaz u l-ammont minfuq biex din it-tiswija setghet issir.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u filwaqt li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident illi gara fis-6 ta' Marzu,1999 f'Qasam Hal Tmiem, Zejtun, bejn il-karozza *DOR 479* misjuqa minn Dorienne Grech u l-karozza *IAD 241* misjuq mill-konvenut Joseph Zammit, u dana minhabba traskuragni, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut Joseph Zammit.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' disa mija u tmienja u tletin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm938.14c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont lill-atturi.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg